MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2003

Numru 724/2003

Il-Pulizija
(Sp Marthese Micallef)
vs
Philippa Borg, bint Ġużeppi
Caruana, imwielda l-Qrendi
fit-18 ta' lulju, 1942
u
Carmelo Borg, iben Ġrazzju,
imwieled ir-Rabat fit-8 ta'
novembru, 1947

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli bejn l-1 ta' lulju, 1996 u l-1 ta' settembru, 2001 fil-fond numru 12, Triq Labini, Rabat, Malta bħala detenturi ta' l-imsemmi fond jew bħala l-persuni li għandhom f'idejhom l-imsemmi fond, b'diversi atti magħmula fi żminijiet differenti li jiksru l-istess

dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda –
1. ikkomettew serq ta' kurrent elettriku li jammonta għas-somma ta' Lm713.88 għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur;
2. għamlu ħsara jew kissru parti minn meter tal-elettriku jew is-siġilli tiegħu jew xi parti minn xi apparat jew is-siġilli tagħhom jew gumni wżati fil-provvista ta' l-elettriku jew is-siġilli tagħhom, liema ħsara tammonta għal Lm12.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' novembru, 2003 fejn rappresentant tal-Korporazz-
joni Enemalta nforma l-Qorti li l-imputati ħallsu dak kollu dovut u l-Korporazzjoni Enemalta m'għandhiex aktar interess f'din il-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' novembru, 2003 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Għaldaqstqant, ma ssibx lill-imputat Carmelo Borg ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi. Issib lill-imputata Philippa Borg ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 264, 267, 270, 278(1)(2)(3) u 326(1)(ċ)(f) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-proveddimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------